MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 248/2011

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Peress illi l-attrici ilha mizzewga lill-intimat sa mid-19 ta’ Gunju, 2004 (Dok. A). Minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom wild cioe` T, S u R ahwa D ta’ tmin (8) snin, sitt (6) snin u tlett (3) snin rispettivament (Dok. B, C u D);

2. Peress illi l-partijiet isseparaw fl-ewwel (1) ta’ Settembru, 2009 (Dok. E) u l-partijiet ghandhom kura u kustodja kongunta pero` bl-intendiment illi r-residenza ordinarja tal-ulied tkun mal-attrici li ghandha wkoll tiehu d-decizjonijiet ta’ kuljum dwar l-ulied filwaqt illi l-partijiet

flimkien jiddecidu l-affarijiet li jikkoncernaw l-edukazzjoni, s-sahha u s-safar tal-ulied, u dan skond klawsola 2(b) tal-imsemmi kuntratt;

3. Peress illi l-konvenut ghandu access liberu ghal uliedu jekk ikun hemm qbil rigward l-istess pero` jekk le, huwa ghandu access minimu skond dak stipulat fl-imsemmi kuntratt;

4. Peress illi l-partijiet ma jaqblux rigward l-access u li l-konvenut lanqas izomm il-hinijiet stipulati tal-access minimu anka jekk din hija l-unika haga illi huwa mistenni jaghmel galadarba l-affarijiet l-ohra rigwardanti l-kura effettiva tat-tfal taghmilhom hi;

5. Peress illi hija ta' nazzjonalita Ingliza (Dok f u G) u ghandha l-familja taghha l-Ingilterra u tixtieq terga` tmur lura pajjizha u tiehu l-uliedha maghha ghaliex hemmhekk hija thoss li ghandha prospetti ahjar kemm ghaliha kif ukoll ghal uliedha kif ukoll is-support necessarju illi hawn Malta m'ghandiex kif sa jigi pruvat ahjar fil-mori tal-kawza;

6. Peress illi inghatat anki dan il-parir b'mod professjonali mit-terapisa taghha kif ikun jista` jigi pruvat ukoll fil-mori tal-kawza;
7. Peress illi l-partijiet ma waslux fi qbil waqt il-proceduri ta' medjazzjoni li saru quddiem il-medjatur appuntat Godwin Genovese u ghalhekk inghataw l-awtorizazzjoni biex jistitwixxu dawn il-proceduri mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-2 ta' Gunju 2011 (Dok. H);

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna illi l-kuntratt tas-separazzjoni personali tal-partijiet jigi emendat b'mod illi l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri tghaddi f'idejn l-attrici;
2. Tordna illi l-kuntratt tas-separazzjoni personal ital-partijiet jigi emendat b'mod illi ma jkunx hemm restrizzjonijiet rigwardanti safar; u

3. Tiehu dawk il-provvedimenti addizzjonali kollha mehtiega fl-ahjar interess tal-minuri.

Bl-ispejjes.

Il-konvenut minn issa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u dan kif ser jigi pruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jaqbel li hu u r-rikorrenti zzewgu fid-19 ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004) u li frott taz-zwieg taghhom twieldu tliet minuri, u cioe` T li twieldet nhar it-12 ta' Lulju 2003, S li twieled nhar is-17 ta' Gunju tas-sena 2005 u R li twieldet nhar is-27 ta' Settembru tas-sena 2007;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jaqbel ukoll li hu u r-rikorrenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku redatt fl-Atti tan-Nutar Dr. Sean Critien u datat l-1 ta' Settembru tas-sena 2009 u li permezz tieghu l-partijiet ftehmu li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tibqa` kongunta bejniethom b'dan illi l-istess ulied jghixu mar-rikorrenti gewwa Malta u tkun l-istess rikorrenti li tiehu d-decizzjonijiet ordinarji izda id-decizzjonijiet straordinarji relati ma' l-edukazzjoni, sahha u safar ta' l-istess minuri ghandhom jittiehdu miz-zewg partijiet;

4. IIlli minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jaqbel ukoll li l-partijiet m'humiex jaslu ghal ftehim dwar kif ghandu jigi ezercitat l-access, izda dan kollu ghal ragunijiet li huma unikament imputabbli lir-rikorrenti stante l-fatt li l-intimat huwa *'self-employed tile-layer'* u mhux dejjem ikun possibbli li ghalih li jmur ghat-tfal fil-hinijiet li

tkun trid l-istess rikorrenti u r-rikorrenti da parti taghha ma pruvatx tiftiehem fl-ahjar interess tal-minuri. Fil-fatt stante n-nuqqas ta' ko-operazzjoni da parti tar-rikorrenti kellha sahansitra tinfetah kawza sabiex il-hinijiet ta' l-access jigu emendati wara li din il-Qorti gia tat digriet provizorju dwar l-istess u fil-fatt emendat bosta klawzoli tal-kuntratt b'mod provizorju u dan kif jirrizulta ahjar mill-atti tal-kawza fl-ismijiet inversi bin-numru 242/11 AL li tinsab appuntata ghall-istess gurnata quddiem din l-istess Qorti u li giet prezentata qabel il-kawza odjerna;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent joggezzjona bl-aktar mod assolut ghat-talba tar-rikorrenti sabiex tigi fdata bil-kura u l-kustodja assoluta tal-minuri bl-ghan ahhari li hija tohodhom jghixu f'pajjiz iehor stante li r-rikorrenti m'hijiex idonea biex tiehu hsieb lill-uliedha b'mod esklussiv kemm minhabba l-istat mentali taghha kif ukoll stante bosta problemi li ghandha inkluz il-fatt li hija ghandha l-vizzju tal-alkohol u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ma jaqbilx bl-aktar mod assolut li l-minuri ghandhom jittiehdu gewwa l-Ingilterra jew f'xi pajjiz iehor sabiex jistabilixxu r-residenza taghhom hemmhekk ghal diversi ragunijiet fosthom:

(i) Illi zgur li m'huwiex fl-ahjar interess tal-minuri li jkunu 'l boghod minn missierhom ghal perjodi twal u li jdumu ma jkollhom kuntatt personali ma' missierhom ghal xhur jew snin shah;

(ii)Illi r-rikorrenti diversi drabi ddikjarat illi l-uniku skop taghha li tmur tghix gewwa l-Ingilterra huwa li tibda tghix hemmhekk fuq l-ghajnuna socjali u xejn aktar. Certament din mihiex raguni valida ghalfejn l-minuri ghandhom jitqacctu mill-gheruq taghhom gewwa Malta u jittiehdu f'pajjiz estraneu. Ukoll mhux fl-ahjar interessi tal-minuri li filwaqt li gewwa Malta ghandhom il-missierhom li dejjem hallas manteniment ferm adegwat ghalihom u dejjem ra li ma jonqoshom xejn minn naha l-ohra ommhom trid tohodhom gewwa l-Ingilterra biex jghixu u jkun piz fuq l-Awtoritajiet;

(iii) Illi l-minuri llum il-gurnata stabilew hajja u rutina gewwa Malta fejn fil-fatt ghexu sa minn twelidhom, ilkoll dejjem attendew l-istess skola f'Malta u tista` tghid li huma

setiljati u kuntenti mmens anke ma' shabhom li l-eta` taghhom ghandhom certu mportanza wkoll. F'kaz li r-rikorrenti tigi awtorizzata titlaq barra minn Malta flimkien mal-minuri, dawn ta' l-ahhar ser ikollhom jergghu jibdew kollox mill-bidu *stante* li anke s-sistema edukattiva gewwa l-Ingilterra hija differenti minn dik ta' hawn Malta u dan b'detriment ghall-futur tal-minuri. Dan apparti l-fatt li f'Malta l-minuri ghandhom in-nanniet, bosta zijiet u kugini li huma lkoll jafu u jqattghu hafna hin ta' kwalita` maghhom, li dan ma jkunux jistghu jaghmlu jekk jittiehdu barra minn Malta;

(iv) Illi *di piu`* u jekk skond it-terapista tar-rikorrenti din ta' l-ahhar ghandha bzonn tmur l-Ingilterra u temigra hdejn il-familja taghha (u dan *ai termini* ta' parir professjonali da parti ta' l-istess terapista) allura jkun aktar u aktar fl-ahjar interessi tal-minuri li dawn jibqghu ma' missierhom li jista' jaghtihom dik l-istabbilita` u l-protezzjoni li ghandhom bzonn l-istess ulied. Huwa anke f'dan il-kuntest li l-intimat jirrileva li zgur li mhux fl-ahjar interessi tal-minuri li jkunu fdati esklussivament fil-kura u l-kustodja t'ommhom. L-intimat jirrileva li f'kaz li l-minuri jithallew imorru l-Ingilterra flimkien m'ommhom, ma jkun hemm hadd li jkun jista` jikkontrolla kuljum l-interess tal-minuri kif fil-fatt jaghmel il-missier illum-il gurnata;

7. Illi jekk verament jirrizulta li l-omm jehtieg li titlaq mill-Gzejjer Maltin ghal ragunijiet ta' sahha mentali taghha, l-esponenti jhoss li l-ahjar interess tal-minuri jkun illi huwa jinghata l-kura u l-kustodja esklussiva tat-tlett minuri sabiex b'hekk huma jkunu jistghu jkomplu hajjithom fil-Gzejjer Maltin. Ghalhekk l-esponent jiddikjara li juwa dispost li jiehu hu l-kura u l-kustodja tal-minuri f'kaz li r-rikorrenti tinsisti li hi trid titlaq minn Malta ghaliex jemmen li dan huwa fl-ahjar interess tal-minuri;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat ir-rapport tal-avukat tat-tfal Dr Tanya Sammut Catania tad-19 ta' Settembru, 2012 illi l-Qorti ordnat illi jigi issiggillat u dan fl-interess tal-minuri;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-attrici tbaghti minn kundizzjoni medika u ghalhekk ta' spiss tmur l-Ingilterra sabiex tiehu il-kura mehtiega.  L-attrici tghid illi binha minuri Brooklyn ibaghti bl-istess kundizzjoni taghha u darba minnhom kellha iddahlu l-isptar, talbet lill-konvenut sabiex jiehu hsieb lit-tfal l-ohrajn, izda il-konvenut irrifjuta u skond hi ir-raguni illi gab kienet biss skuza.  L-attrici xehdet illi hija tbaghti minn stress u hija ghajjiena hafna, ma tistax tghix iktar Malta u ghalhekk ghandha bzonn titlaq ghal dejjem lejn l-Ingilterra fejn ikollha l-ghajnuna tal-familjari taghha u dana peress illi l-attrici hija ta' nazzjonalita Ingliza.  L-attrici xehdet illi l-iskola l-Ingilterra iddum aktar minn ta' Malta u b'hekk hija ikollha ukoll l-opportunita illi issib impjieg.  Il-Qorti rat illi l-attrici ipprezentat affidavit fejn xehdet illi bintha T qeghda tigi bullied mit-tifla illi ghandu il-konvenut minn mat-tfajla tieghu.  Hija xehdet ukoll illi l-konvenut ma tantx jghaddi hin ma uliedu u illi binha minuri Brooklyn ukoll huwa bullied minn iben it-tfajla tal-konvenut.  Hija xehdet ukoll illi it-tfajla tal-konvenut darba sawtet lit-tifla R fuq daharha.

Il-Qorti rat illi l-konvenut isostni illi l-attrici tbaghti minn dipressjoni, timpika mieghu anke b'detriment ghall-istess uliedha u qal illi huwa ghandu relazzjoni stabbli mal-partner tieghu u ghandhom ukoll wild in komuni jisimha Ivy.  Il-konvenut sostna ukoll illi l-attrici tbaghti minn problemi ta' natura psikjatrika u gieli tkun rikoverata l-isptar.

Ikkunsidrat :

Illi minn ezami tar-rapport tal-avukat tat-tfal irrizulta illi ulied il-kontendenti huma kuntenti jghixu Malta, ihobbu ferm lill-genituri taghhom u ma jixtiequx bl-ebda mod jaqtghu il-kuntatt minn ma missierhom, jew minn ma ohthom Ivy.

Illi l-konvenut xehed illi l-attrici trid tmur l-Ingilterra sabiex tghix fuq il-benefficji socjali u mhux verament sabiex issib impjieg. Huwa qal illi jekk hi trid tmur l-Ingilterra huwa dispost illi izomm lil uliedu mieghu. Il-konvenut xehed ukoll illi l-genituri tal-attrici ma jistghux jghinuha ghaliex huma ‘alcoholics’ u dejjem jiggieldu u illi jekk l-attrici tiehu lil uliedu l-Ingilterra ma jkun hemm l-ebda kontroll dwar kif qeghdin jittrabbew il-minuri.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat is-sentenza illi tat hija stess fis-6 ta’ Gunju 2012 fil-kawza fl-ismijiet Kevin D vs Erica Law (l-istess partijiet f’din il-kawza) fejn il-Qorti kienet ordnat illi l-missier ikollu access ghat-tfal matul l-istagun skolastiku kull nhar ta’ Erbgha u kull nhar ta’ Gimgha mill-4.00p.m. sas-6.00p.m., filwaqt li fi tmiem il-gimgha, darba kull hmistax jigbor lit-tfal fl-4.00p.m. nhar ta’ Gimgha u jirritornahom il-Hadd fil-5.00p.m.;
Fiz-zmien li t-tfal ma jkollhomx skola, l-attur ikollu access kull nhar ta’ Erbgha u kull nhar ta’ Gimgha mill-4.00p.m. sas-7.00p.m., filwaqt li fi tmiem il-gimgha, darba kull hmistax jigbor lit-tfal fl-4.00p.m. nhar ta’ Gimgha u jirritornahom fis-7.00p.m. nhar ta’ Hadd, u varjat il-kuntratt ta’ separazzjoni personali bejn l-istess kontendenti f’dan is-sens.

Ikkunsidrat :

Illi kif dejjem gie ritenut minn dawn il-Qrati il-Qorti, f’kazijiet bhal dawn, tiehu decizjoni a bazi ta’ dak li hu l-ahjar interess tal-minuri. Il-Qorti ezaminat il-fatti u il-provi kollha li tressqu quddiemha u tara illi huwa fl-interess tal-minuri illi jibqghu jghixu Malta fejn trabbew u fejn jircievu l-

edukazzjoni, fejn ghandhom rabtiet tajbin ma missierhom u mal-familja il-gdida li ifforma missierhom u fejn ghandhom il-hbieb u integraw ruhhom sew u li ghalhekk mhuwiex l-ahjar interess taghhom illi jigu uprooted u jittiehdu jghixu b’mod permanenti fl-Ingilterra.

Illi l-Qorti rat ukoll illi hija diga iddecidiet dan il-punt fis-sentenza taghha imsemmija aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat li kienet tirrigwarda lill-istess partijiet u deciza minnha fis-6 ta’ Gunju 2012.

Illi permezz tal-imsemmija sentenza il-Qorti kienet laqghet il-hames talba tal-konvenut u cioe’ illi l-minuri jibqghu jirrisjedu f’Malta b’dan illi fil-kaz illi ommhom tiddeciedi illi temigra lejn pajjiz iehor il-kura u il-kustodja tal-minuri taqa b’mod esklussiv f’idejn il-missier.

Illi fil-kawza odjerna l-attrici naqset milli tressaq xi prova gdida illi twassal lil din il-Qorti sabiex tbiddel fehemtha dwar dan il-punt.

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt illi l-attrici ghandha problema li tinhtieg kura medika u tbaghti ukoll minn problema ta’ natura psikologika u jehtiegilha il-kura f’dan ir-rigward. Hija ma ressqet l-ebda prova fis-sens illi ser ikun hemm xi hadd responsabbli illi jiehu hsieb lil ulied minuri waqt illi hi tkun qeghda tircievi kura medika u ghalhekk ukoll mhuwiex fl-interess tal-minuri illi jittiehdu permanentement l-Ingilterra.

Illi kif diga intqal aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat, mir-rapport tal-avukat tat-tfal jirrizulta illi t-tfal huma kuntenti Malta u illi ma jixtiequx jinqatghu minn ma missierhom u mill-familja il-gdida illi ifforma missierhom.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha il-Qorti mhijiex disposta tibdel fehemtha u tqieghed fir-riskju il-hajja u il-kuntentizza u is-sigurta’ tal-ulied minuri.

Illi jigi rilevat ukoll illi missier il-minuri dejjem mantnihom. Dana peress ukoll illi l-omm ma ghandhiex impjieg f’Malta, peress illi skond hi ma tistax issib impjieg peress illi trid

tiehu hsieb lit-tfal minuri illi ghadhom zghar u ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif l-attrici tahseb li tista tahdem barra minn Malta u tiehu ukoll hsieb il-minuri.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut, qeghda tichad it-talbiet kollha attrici;  Bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------